II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1223

tas-27 ta' Lulju 2021

li jispeċifika l-elementi tekniċi tas-sett tad-*data*, li jistabbilixxi l-formati tekniċi għat-trażmissjoni tal-informazzjoni u li jispeċifika l-arranġamenti dettaljati u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ kampjun fl-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2022 skont ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 13(6) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi ffaċilitata t-trażmissjoni tal-informazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (il-Eurostat), jenħtieġ jiġu stabbiliti l-formati tekniċi li jkopru l-kunċetti, il-proċessi, inkluż id-data u l-metadata, għat-trażmissjoni tal-informazzjoni.

(2) Għall-fini tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-istatistika li trid tiġi trażmessa għall-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, jenħtieġ jiġu speċifikati l-arranġamenti dettaljati għar-rapporti tal-kwalità.

(3) L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jenħtieġ jużaw għall-kategoriji tal-karatteristiċi elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament, meta jkun xieraq, il-klassifikazzjonijiet statistiċi għall-unitajiet territorjali, għall-edukazzjoni, għax-xogħol u għas-settur ekonomiku li huma kompatibbli mal-klassifikazzjonijiet NUTS ([2]), ISCED ([3]), ISCO ([4]) u NACE ([5]).

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-SiEwropea tal-Istatistika,

([1]) ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

([3]) Il-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni, il-verżjoni tal-2011, http://uis.unesco.org/sites/default/files/documents/international-standard-classification-of-education-isced-2011-en.pdf (disponibbli bl-Ingliż u bil-Franċiż).

([4]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/824/KE tad-29 ta' Ottubru 2009 dwar l-użu tal-Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjiegi (ISCO-08) (ĠU L 292, 10.11.2009, p. 31).

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jispeċifika l-elementi tekniċi tas-sett tad-data, jistabbilixxi l-formati tekniċi għat-trażmissjoni tal-informazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (il-Eurostat) u jispeċifika l-arranġamenti dettaljati għat-trażmissjoni u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità fl-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "perjodu ta' ħidma fuq il-post" tfisser il-perjodu taż-żmien għall-ġbir tad-data mingħand ir-rispondenti;

(2) "perjodu ta' referenza" tfisser il-perjodu taż-żmien li għalih tirreferi biċċa informazzjoni partikolari.

Artikolu 3

Deskrizzjoni tal-varjabbli

Il-karatteristiċi tekniċi tal-varjabbli għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness u jirreferu:

(a) għall-identifikatur tal-varjabbli;

(b) għall-isem u għad-deskrizzjoni tal-varjabbli;

(c) għall-kodiċijiet u għat-tikketti;

(d) għall-filtru;

(e) għat-tip ta' varjabbli.

Artikolu 4

Karatteristiċi tal-popolazzjonijiet fil-mira, unitajiet tal-osservazzjoni u regoli għar-rispondenti

1. Il-popolazzjonijiet fil-mira fl-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għandhom ikunu unitajiet domestiċi privati fit-territorju tal-Istat Membru u individwi li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom, fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (UE) 2019/1700, fit-territorju tal-Istat Membru.

2. Għall-varjabbli li jikkonċernaw l-unitajiet domestiċi elenkati fl-Anness, l-informazzjoni għandha tingħabar għall-unitajiet domestiċi privati li mill-inqas ikollhom membru wieħed li għandu bejn 16-il sena u 74 sena u jkun jirrisjedi fit-territorju tal-Istat Membru.

3. Għall-varjabbli li jikkonċernaw l-individwi elenkati fl-Anness, l-informazzjoni għandha tingħabar għal individwi li għandhom bejn 16-il sena u 74 sena u jkunu jirrisjedu fit-territorju tal-Istat Membru.

4. L-informazzjoni tista' tingħata b'mod fakultattiv għal individwi li għandhom inqas minn 16-il sena jew aktar minn 74 sena.

5. Il-ġbir tad-data għall-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għandu jsir għal kampjun ta' unitajiet domestiċi privati jew għal kampjun ta' persuni li jappartjenu għal unitajiet domestiċi privati bħala unitajiet tal-osservazzjoni.

Artikolu 5

Il-perjodi u d-data ta' referenza

1. Il-perjodu ta' referenza għall-ġbir tal-istatistika dwar is-suġġett dettaljat "interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi għandu jinkludi l-aħħar tliet trimestri tal-2021 u l-ewwel trimestru tal-2022.

2. Il-perjodu ta' referenza għall-ġbir tal-istatistika dwar is-suġġetti dettaljati "Konnessjoni mal-Internet minn kullimkien" u "Effett tal-użu" għandu jkun l-aħħar darba li l-attività tkun twettqet mir-rispondent.

3. Għas-suġġetti dettaljati l-oħra kollha, bit-tema "Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni", il-perjodu ta' referenza għandu jkun l-ewwel trimestru tal-2022.

4. Id-data ta' referenza għandha tkun definita bħala l-ħin tal-ewwel intervista (DD/MM/YYYY).

Artikolu 6

Perjodu għall-ġbir tad-data

Għad-data miksuba direttament mingħand ir-rispondenti, il-perjodu ta' ħidma fuq il-post għandu jkun it-tieni trimestru tal-2022.

Artikolu 7

Standards komuni għall-editjar, l-imputazzjoni u l-istimi tad-data

1. L-imputazzjoni, l-immudellar jew il-ponderazzjoni għandhom jiġu applikati għad-data meta l-informazzjoni tkun nieqsa, invalida jew inkonsistenti.

2. Il-proċedura applikata għad-data għandha żżomm il-varjazzjoni u l-korrelazzjoni bejn il-varjabbli. Għandha tingħata preferenza lill-metodi li jinkorporaw "komponenti tal-errur" fiċ-ċifri imputati, fuq il-metodi li sempliċiment jimputaw ċifra mbassra.

3. Għandha tingħata preferenza lill-metodi li jqisu l-istruttura jew karatteristiċi oħra tad-distribuzzjoni konġunta tal-varjabbli, fuq l-approċċ marġinali jew univarjat.

Artikolu 8

Skadenza u standards għat-trażmissjoni tal-informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-data finali lill-Kummissjoni (il-Eurostat) sal-5 ta' Ottubru 2022. Id-data għandha tiġi trażmessa fl-għamla ta' fajls tal-mikrodata, inkluż il-ponderazzjonijiet xierqa. Id-data trid tkun ġiet verifikata u validata għalkollox bl-istandard tal-iskambju tad-data u tal-metadata statistika permezz tal-punt ta' dħul uniku biex il-Kummissjoni (il-Eurostat) tkun tista' tikseb id-data b'mezzi elettroniċi. Dik id-data għandha tikkonforma mar-regoli ta' validazzjoni skont l-ispeċifikazzjoni tal-varjabbli abbażi tal-ikkowdjar u l-filtri kif deskritt fl-Anness.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-metadata lill-Kummissjoni (il-Eurostat) fl-istruttura standard tal-metadata kif definit mill-Kummissjoni (il-Eurostat) fi żmien 3 xhur mill-iskadenza għat-trażmissjoni tal-mikrodata. Il-metadata għandha tiġi provduta permezz tal-punt ta' dħul uniku biex il-Kummissjoni (il-Eurostat) tkun tista' tikseb id-data b'mezzi elettroniċi.

Artikolu 9

Arranġamenti dettaljati u l-kontenut tar-rapporti annwali tal-kwalità

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu rapport annwali tal-kwalità lill-Kummissjoni (il-Eurostat) dwar l-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

2. Ir-rapport annwali tal-kwalità għandu jkun fih data u metadata relatati mal-kwalità, informazzjoni dwar l-eżattezza u l-affidabbiltà tal-istħarriġ u deskrizzjoni ta' bidliet fil-kunċetti u d-definizzjonijiet bażiċi li jaffettwaw il-komparabbiltà maż-żmien u bejn il-pajjiżi. Ir-rapport tal-kwalità għandu jkun fih ukoll informazzjoni dwar il-konformità mal-kwestjonarju mudell u dwar bidliet fid-disinn tal-kwestjonarju li jaffettwaw il-komparabbiltà maż-żmien u bejn il-pajjiżi.

3. Ir-rapport annwali tal-kwalità għandu jiġi trażmess lill-Kummissjoni (il-Eurostat) fi żmien 3 xhur mill-iskadenza għat-trażmissjoni tal-mikrodata.

4. Ir-rapport annwali tal-kwalità għandu jiġi trażmess skont l-istandards tekniċi stabbiliti mill-Kummissjoni (Eurostat).s

5. Ir-rapport annwali tal-kwalità għandu jingħata permezz tal-punt ta' dħul uniku biex il-Kummissjoni (il-Eurostat) tkun tista' tikseb id-data b'mezzi elettroniċi.

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Lulju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Deskrizzjoni u formati tekniċi tal-varjabbli miġbura għal kull suġġett u suġġett dettaljat tal-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u l-kodiċijiet li jridu jintużaw

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
01.Elementi Tekniċi	Informazzjoni dwar il-ġbir tad-data	REFYEAR	Sena tal-istħarriġ	SSSS	Sena tal-istħarriġ (4 numri)	L-unitajiet domestiċi kollha	Tekniċi
01.Elementi Tekniċi	Informazzjoni dwar il-ġbir tad-data	INTDATE	Data ta' referenza – l-ewwel data tal-intervista	JJ/XX/SSSS	Data ta' referenza (10 karattri)	L-individwi kollha	Tekniċi
01.Elementi tekniċi	Informazzjoni dwar il-ġbir tad-data	STRATUM_ID	Strat	Nnnnnn -1	ID tal-istrat li għalih jappartjenu l-individwu jew l-unità domestika, minn 1 sa N, fejn N hu l-għadd ta' strati No stratification	L-unitajiet domestiċi kollha	Tekniċi
01.Elementi tekniċi	Informazzjoni dwar il-ġbir tad-data	PSU	Unità primarja tal-kampjunar	Nnnnnn -1	ID tal-unità primarja tal-kampjunar (PSU) li għaliha jappartjenu l-individwu jew l-unità domestika (minn 1 sa N, fejn N hu l-għadd ta' PSUs) Mhux applikabbli	L-unitajiet domestiċi kollha, meta l-popolazzjoni fil-mira tinqasam f'raggruppamenti (PSUs)	Tekniċi
01.Elementi tekniċi	Identifikazzjoni	HH_ID	ID tal-unità domestika	XXnnnnnn	ID uniku tal-unità domestika (2 ittri għall-kodiċi tal-pajjiż u mbagħad sa 22 numru)	L-unitajiet domestiċi kollha	Tekniċi
01.Elementi tekniċi	Identifikazzjoni	IND_ID	ID tal-individwu	XxNnnnnn	ID uniku tal-individwu (2 ittri għall-kodiċi tal-pajjiż u mbagħad sa 22 numru)	L-individwi kollha	Tekniċi
01.Elementi tekniċi	Identifikazzjoni	HH_REF_ID	ID tal-unità domestika li jappartjeni għaliha l-individwu	XxNnnnnn Vojta	ID tal-unità domestika li għaliha jappartjeni l-individwu (2 ittri għall-kodiċi tal-pajjiż u mbagħad sa 22 numru) Meta l-individwu jkollu 15-il sena jew anqas, jew 75 jew iżjed, u jkun jappartjeni għal unità domestika li fiha biss persuni barra mill-grupp tal-età ta' 16-74, din l-entrata titħalla blank.	L-individwi kollha	Tekniċi

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
01.Elementi tekniċi	Ponderazzjonijiet	HH_WGHT	Ponderazzjoni tal-unità domestika	Nnnnn.nnnnnn	Fattur taż-żieda tal-unità domestika (bin-numri li hemm bżonn. Jista' jintuża l-punt deċimali, jekk meħtieġ.)	L-unitajiet domestiċi kollha	Tekniċi
01.Elementi tekniċi	Ponderazzjonijiet	IND_WGHT	Ponderazzjoni tal-individwu	Nnnnnn.nnnnn	Fattur taż-żieda tal-individwu (bin-numri li hemm bżonn. Jista' jintuża l-punt deċimali, jekk meħtieġ.)	L-individwi kollha	Tekniċi
01.Elementi tekniċi	Karatteristiċi tal-intervista	~~H~~IN	Tul tal-intervista	Nnn Vojta	It-tul taż-żmien tal-intervista espress f'minuti Mhux dikjarat	L-individwi kollha	Tekniċi
01.Elementi tekniċi	Karatteristiċi tal-intervista	INT_TYPE	Tip ta' intervista	1 2 3 4 5	Intervista personali assistita bil-karti (PAPI) Intervista personali assistita b'kompjuter (CAPI) Intervista tat-telefown assistita b'kompjuter (CATI) Intervista fuq il-web assistita b'kompjuter Oħrajn	L-individwi kollha	Tekniċi
01.Elementi tekniċi	Lokalizzazzjoni	PAJJIŻ	Pajjiż tar-residenza	Mhux Blank	Pajjiż tar-residenza (kodiċi SCL GEO alpha-2)	L-unitajiet domestiċi kollha	Tekniċi
01.Elementi tekniċi	Lokalizzazzjoni	GEO_NUTS1	Reġjun tar-residenza	Mhux Blank	Reġjun NUTS 1 (3 karattri alfanumeriċi)	L-unitajiet domestiċi kollha	Tekniċi
01.Elementi tekniċi	Lokalizzazzjoni	GEO_NUTS2 (fakultattiva)	Reġjun tar-residenza (fakultattiva)	Mhux Blank Vojta	Reġjun NUTS 2 (4 karattri alfanumeriċi) Opzjoni mhux inkluża	L-unitajiet domestiċi kollha	Tekniċi

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
01.Elementi tekniċi	Lokalizzazzjoni	GEO_NUTS3 (fakultattiva)	Reġjun tar-residenza (fakultattiva)	Mhux Blank	Reġjun NUTS 3 (5 karattri, alfanumeriċi - kodiċi ta' NUTS 3 għal aggregazzjoni ta' reġjuni alternattivi futuri, mhux għall-pubblikazzjoni ta' tqassim NUTS 3)	L-unitajiet domestiċi kollha	Tekniċi
				Vojta	Opzjoni mhux inkluża		
01.Elementi tekniċi	Lokalizzazzjoni	DEG_URBA	Grad ta' urbanizzazzjoni	1	Bliet	L-unitajiet domestiċi kollha	Tekniċi
				2	Irħula u subborgi		
				3	Żoni rurali		
01.Elementi tekniċi	Lokalizzazzjoni	GEO_DEV	Post ġeografiku	1	Reġjun inqas żviluppat	L-unitajiet domestiċi kollha	Tekniċi
				2	Reġjun fi tranżizzjoni		
				3	Reġjun aktar żviluppat		
				Vojta	Mhux dikjarat (kodiċi għall-pajjiżi li mhux fl-UE)		
02.Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Demografija	ĠENERU	Ġeneru	1	Raġel	L-individwi kollha	Miġbura
				2	Mara		
02.Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Demografija	YEARBIR	Sena tat-twelid	SSSS	Sena tat-twelid (4 numri)	L-individwi kollha	Miġbura
02.Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Demografija	PASSBIR	L-aħħar għeluq is-snin	1	Iva	L-individwi kollha	Miġbura
				2	Le		
02.Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Demografija	ETÀ	Età fi snin magħluqa	nnn	Età fi snin magħluqa (minn 1 sa 3 numri)	L-individwi kollha	Derivati
02.Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Ċittadinanza u sfond migratorju	IĊ-ĊITTADINANZA	Pajjiż taċ-ċittadinanza prinċipali	Mhux vojta	Pajjiż taċ-ċittadinanza ewlenija (kodiċi SCL GEO alpha-2)	L-individwi kollha	Miġbura
				STLS	Mingħajr Stat		
				FOR	Ċittadinanza barranija iżda l-pajjiż mhux magħruf		
				Vojta	Mhux dikjarat		
02.Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Ċittadinanza u sfond migratorju	CNTRYB	Pajjiż tat-twelid	Mhux vojta	Pajjiż tat-twelid (kodiċi SCL GEO alpha-2)	L-individwi kollha	Miġbura
				FOR	Imwieled barra iżda l-pajjiż tat-twelid mhux magħruf		
				Vojta	Mhux dikjarat		

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
02.Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_POP	Daqs tal-unità domestika (l-għadd ta' membri fl-unità domestika)	Nn Vojta	Għadd ta' membri fl-unità domestika (inkluż it-tfal) Mhux dikjarat	L-unitajiet domestiċi kollha	Miġbura
02.Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_PO-P_16_24 (fakultattiva)	Għadd ta' membri tal-unità domestika li għandhom bejn 16 u 24 sena (fakultattiva)	Nn Vojta	Għadd ta' membri fl-unità domestika li għandhom bejn is-16 u l-24 sena Opzjoni mhux inkluża	L-unitajiet domestiċi kollha	Miġbura
02.Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_PO-P_16_24S (fakultattiva)	Għadd ta' studenti fl-unità domestika li għandhom bejn is-16 u l-24 sena (fakultattiva)	Nn Vojta	Għadd ta' studenti fl-unità domestika li għandhom bejn is-16 u l-24 sena Opzjoni mhux inkluża	L-unitajiet domestiċi kollha	Miġbura
02.Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_PO-P_25_64 (fakultattiva)	Għadd ta' membri fl-unità domestika li għandhom bejn il-25 u l-64 sena (fakultattiva)	Nn Vojta	Għadd ta' studenti fl-unità domestika li għandhom bejn il-25 u l-64 sena Opzjoni mhux inkluża	L-unitajiet domestiċi kollha	Miġbura
02.Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_POP_65_-MAX (fakultattiva)	Għadd ta' membri fl-unità domestika li għandhom 65 sena jew aktar (fakultattiva)	Nn Vojta	Għadd ta' membri fl-unità domestika li għandhom 65 sena jew aktar Opzjoni mhux inkluża	L-unitajiet domestiċi kollha	Miġbura
02.Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_CHILD	Għadd ta' tfal iżgħar minn 16-il sena	Nn Vojta	Għadd ta' tfal iżgħar minn 16-il sena Mhux dikjarat	L-unitajiet domestiċi kollha	Miġbura
02.Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_CHIL-D_14_15 (fakultattiva)	Għadd ta' tfal fl-unità domestika li għandhom bejn l-14 u l-15-il sena (fakultattiva)	Nn Vojta	Għadd ta' tfal fl-unità domestika li għandhom bejn l-14 u l-15-il sena Opzjoni mhux inkluża	L-unitajiet domestiċi kollha	Miġbura

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
02.Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_CHILD_5_13 (fakultattiva)	Għadd ta' tfal li għandhom bejn il-5 u t-13-il sena (fakultattiva)	Nn	Għadd ta' tfal fl-unità domestika li għandhom bejn l-5 u l-13-il sena	L-unitajiet domestiċi kollha	Miġbura
				Vojta	Opzjoni mhux inkluża		
02.Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_CHILD_LE_4 (fakultattiva)	Għadd ta' tfal fl-unità domestika li għandhom 4 snin jew aktar (fakultattiva)	Nn	Għadd ta' tfal fl-unità domestika li għandhom 4 sena jew aktar	L-unitajiet domestiċi kollha	Miġbura
				Vojta	Opzjoni mhux inkluża		
03.Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Status tal-attività ewlenija (awtodefinizzjoni)	MAINSTATUS	Status tal-attività ewlenija (awtodefinizzjoni)	1	Impjegat	L-individwi kollha għandhom 16-il sena jew iżjed	Miġbura
				2	Qiegħed		
				3	Irtirat		
				4	Ma jistax jaħdem minħabba diffikultajiet tas-saħħa dejjiema		
				5	Student		
				6	Iwettaq kompiti domestiċi		
				7	Servizz militari jew ċivili obbligatorju		
				8	Oħrajn		
				Vojta	Mhux dikjarat		
				9	Mhux applikabbli		
03.Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	STAPRO	Status tal-impjieg fil-każ tal-impjieg ewlieni	1	Persuna li taħdem għal rasha bl-impjegati	Individwi fejn MAINSTAT = 1	Miġbura
				2	Persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati		
				3	Impjegat		
				4	Ħaddiem tal-familja (bla ħlas)		
				Vojta	Mhux dikjarat		
				9	Mhux applikabbli		

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
03.Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	NACE1D (fakultattiva)	Attività ekonomika tal-unità lokali għall-impjieg ewlieni (fakultattiva)	Mhux vojta Vojta 9	Kodiċi NACE fil-livell tat-taqsima (karattru wieħed (minn A sa S)) Mhux dikjarat Mhux applikabbli	Individwi fejn MAINSTAT = 1	Miġbura
03.Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	ISCO2D	Okkupazzjoni tal-impjieg ewlieni	nn Vojta -1	Kodiċi ISCO fil-livell ta' 2 numri Mhux dikjarat Mhux applikabbli	Individwi fejn MAINSTAT = 1	Miġbura
03.Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	OCC_ICT	Professjonist tal-ICT jew professjonist mhux tal-ICT	1 0 Vojta 9	Professjonist tal-ICT Professjonist mhux tal-ICT Mhux dikjarat Mhux applikabbli	Individwi fejn MAINSTAT = 1	Miġbura
03.Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	OCC_MAN	Ħaddiem tal-id jew ħaddiem mhux tal-id	1 0 Vojta 9	Ħaddiem tal-id Ħaddiema mhux tal-id Mhux dikjarat Mhux applikabbli	Individwi fejn MAINSTAT = 1	Miġbura
03.Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	EMPST_WKT (fakultattiva)	Impjieg ewlieni full-time jew part-time (awtodefinit) (fakultattiva)	1 2 Vojta 9	Impjieg full-time Impjieg part-time Mhux dikjarat Mhux applikabbli	Individwi fejn MAINSTAT = 1	Miġbura
03.Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Tul tal-kuntratt	EMPST_-CONTR (fakultattiva)	Permanenza tal-impjieg ewlieni (fakultattiva)	1 2 Vojta 9	Impjieg permanenti Kuntratt b'terminu fiss Mhux dikjarat Mhux applikabbli	Individwi fejn STAPRO = 3	Miġbura

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
04.Livell edukattiv milħuq u l-kuntest	Livell edukattiv miksub	ISCEDD	Livell edukattiv miksub (l-ogħla livell edukattiv mitmum b'suċċess)	0	L-ebda edukazzjoni formali jew inqas minn ISCED 1	L-individwi kollha għandhom 16-il sena jew iżjed	Miġbura
				1	ISCED 1 Edukazzjoni primarja		
				2	ISCED 2 Edukazzjoni sekondarja bikrija		
				3	ISCED 3 Edukazzjoni sekondarja ogħla		
				4	ISCED 4 Edukazzjoni post-sekondarja mhux terzjarja		
				5	ISCED 5 Edukazzjoni terzjarja b'ċiklu qasir		
				6	ISCED 6 Baċellerat jew livell ekwivalenti		
				7	ISCED 7 Masters jew livell ekwivalenti		
				8	ISCED 8 Dottorat jew livell ekwivalenti		
				Vojta	Mhux dikjarat		
				9	Mhux applikabbli		
04.Livell edukattiv milħuq u l-kuntest	Livell edukattiv miksub	ISCED	Livell edukattiv miksub aggregat	0	Sa mhux aktar mil-livell tal-edukazzjoni sekondarja bikrija (ISCEDD = 0, 1 jew 2)	L-individwi kollha għandhom 16-il sena jew iżjed	Derivati
				3	Edukazzjoni sekondarja superjuri u edukazzjoni post-sekondarja mhux terzjarja (ISCEDD = 3 jew 4)		
				5	Edukazzjoni terzjarja (ISCEDD = 5, 6, 7 jew 8)		
				Vojta	Mhux dikjarat		
				9	Mhux applikabbli		
5. Is-saħħa: status u diżabbiltà, aċċess għall-kura tas-saħħa, disponibbiltà u użu tal-kura tas-saħħa u determinanti tas-saħħa	Elementi tal-Modulu Minimu tas-Saħħa fl-Ewropa	GALI	Limitazzjoni fl-attivitajiet minħabba problemi tas-saħħa	1	Limitat ħafna	L-individwi kollha għandhom 16-il sena jew iżjed	Miġbura
				2	Limitat imma mhux ħafna		
				3	Mhux limitat		
				Vojta	Mhux dikjarat		
				9	Mhux applikabbli		

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
06. Introjtu, konsum u elementi tal-ġid, inkluż id-djun	Introjtu totali fix-xahar tal-unità domestika	HH_IQ5	Introjtu attwali nett totali medju fix-xahar	1	Grupp ta' introjtu kurrenti nett ekwivalizzat fix-xahar aktar baxx	L-unitajiet domestiċi kollha	Miġbura
				2	Grupp ta' introjtu kurrenti nett ekwivalizzat fix-xahar baxx sa medju		
				3	Grupp ta' introjtu kurrenti nett ekwivalizzat fix-xahar medju		
				4	Grupp ta' introjtu kurrenti nett ekwivalizzat fix-xahar medju sa għoli		
				5	Grupp ta' introjtu kurrenti nett ekwivalizzat fix-xahar ogħla		
				Vojta	Mhux dikjarat		
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Aċċess għall-ICT	IACC	Aċċess tal-unità domestika għall-Internet mid-dar (bi kwalunkwe apparat)	1	Iva	L-unitajiet domestiċi kollha	Miġbura
				0	Le		
				8	Ma nafx		
				Vojta	Mhux dikjarat		
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Użu u frekwenza tal-użu tal-ICT	IU	L-aktar użu riċenti tal-Internet, fi kwalunkwe post, bi kwalunkwe apparat xieraq	1	Fl-aħħar 3 xhur	L-individwi kollha	Miġbura
				2	Bejn 3 xhur u sena ilu		
				3	Aktar minn sena (1) ilu		
				4	Qatt ma użaha		
				Vojta	Mhux dikjarat		
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Użu u frekwenza tal-użu tal-ICT	IFUS	Frekwenza medja tal-użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur	1	Diversi drabi matul il-jum	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
				2	Darba kuljum jew kważi kuljum		
				3	Mill-inqas darba fil-ġimgħa (iżda mhux kuljum)		
				4	Inqas minn darba fil-ġimgħa		
				9	Mhux applikabbli		
				Vojta	Mhux dikjarat		

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUEM	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex jintbagħtu u jaslu l-emails	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUPH1	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex isiru telefonati (inkluż telefonati awdjoviżivi) fuq l-Internet	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUSNET	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati ta' parteċipazzjoni f'networks soċjali (il-ħolqien ta' profil tal-utent, it-tqegħid ta' messaġġi jew kontributi oħra)	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUCHAT1	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex jintbagħtu u jaslu l-emails (skambju ta' messaġġi)	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUIF	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex titfittex informazzjoni dwar oġġetti jew servizzi	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUNW1	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex jinqraw l-aħbarijiet fuq siti web apposta, il-gazzetti jew ir-rivisti tal-aħbarijiet online	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUPOL2	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex jiġu espressi opinjonijiet dwar kwistjonijiet ċiviċi jew politiċi fuq is-siti web jew il-midja soċjali	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUVOTE	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati ta' parteċipazzjoni f'konsultazzjonijiet jew votazzjonijiet online biex jiġu definiti kwistjonijiet ċiviċi jew politiċi (bħall-ippjanar urban, l-iffirmar ta' xi petizzjoni)	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUMUSS1	Użu tal-Internet f'dawn l-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex wieħed jisma' mużika (eż. ir-radju fuq il-web, l-istreaming tal-mużika) jew it-tniżżil ta' mużika	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUSTV	Użu tal-Internet f'dawn l-aħħar 3 xhur għal skop privat biex wieħed jara TV imxandar bl-Internet (dirett jew ripetizzjoni) minn xandara tat-televiżjoni (bħal [eżempji nazzjonali])	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUVOD	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex tara Filmati on Demand minn servizzi kummerċjali	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUVSS	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex tara kontenut iffilmjat minn servizzi ta' kondiviżjoni	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUPDG	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex jintlagħbu jew jitniżżlu logħabiet	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUPCAST (fakultattiva)	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex tisma' podcasts jew tniżżel podcasts (fakultattiva)	1 0 Vojta 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Opzjoni mhux inkluża Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IHIF	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati ta' tiftix tal-informazzjoni marbuta mas-saħħa (eżempju fuq korrimenti, mard, nutrizzjoni, titjib tas-saħħa)	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUMAPP	L-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar 3 xhur għal skopijiet privati għall-iffissar ta' appuntament mat-tabib permezz ta' sit tal-Internet jew app (bħalama hu ta' sptar jew ta' ċentru tal-kura tas-saħħa)	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUAPR	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex jiġu aċċessati rekords tas-ssaħħa personali online	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUOHC	Użu tal-Internet f'dawn l-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex wieħed juża servizzi tas-saħħa oħra permezz ta' sit web jew app minflok ma jkollu jmur l-isptar jew iżur it-tabib (bħal biex jikseb riċetta jew konsultazzjoni online)	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUSELL	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati ta' bejgħ ta' oġġetti jew ta' servizzi fuq sit web jew b'app	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUBK	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex tuża servizzi bankarji fuq l-Internet (inkluż l-ibbankjar bil-mowbajl)	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUOLC	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur biex isiru attivitajiet tat-tagħlim għal finijiet edukattivi, professjonali jew privati, permezz ta' kors online	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUOLM	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur biex isiru attivitajiet tat-tagħlim għal finijiet edukattivi, professjonali jew privati, permezz ta' materjal tat-tagħlim disponibbli online (bħal lezzjonijiet b'filmati, webinars, kotba tat-tagħlim elettroniċi, apps jew pjattaformi tat-tagħlim)	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUOCIS1	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur biex isiru attivitajiet tat-tagħlim għal finijiet edukattivi, professjonali jew privati, permezz ta' komunikazzjoni mal-għalliema jew mal-istudenti b'għodod online tal-awdjo jew tal-vidjo	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUOFE	Attivitajiet ta' tagħlim li r-rispondent ipparteċipa fihom, f'dawn l-aħħar 3 xhur, għall-edukazzjoni formali (eż. skola jew università)	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IUOLC = 1 jew IUOLM = 1 jew IUOCIS1 = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUOW	Attivitajiet ta' tagħlim li r-rispondent ipparteċipa fihom, f'dawn l-aħħar 3 xhur, għal għanijiet professjonali/ konnessi max-xogħol	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IUOLC = 1 jew IUOLM = 1 jew IUOCIS1 = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUOPP	Attivitajiet ta' tagħlim li r-rispondent ipparteċipa fihom, f'dawn l-aħħar 3 xhur, għal għanijiet privati	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IUOLC = 1 jew IUOLM = 1 jew IUOCIS1 = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVIP	Attivitajiet permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat f'dawn l-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'li r-rispondent ikollu aċċess għal informazzjoni dwaru stess maħżuna mill-awtoritajiet pubbliċi jew mis-servizzi pubbliċi	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVIDB	Attivitajiet permezz ta' sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat f'dawn l-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'aċċess mir-rispondent għal informazzjoni minn bażijiet ta' *data* jew reġistri pubbliċi (bħal informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' kotba f'libreriji pubbliċi, reġistri katastali, reġistri tal-intrapriżi)	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOV12IF	Attivitajiet permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
			privat f'dawn l-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'li r-rispondent jakkwista informazzjoni (eż. dwar serivizzi, benefiċċji, intitolamenti, liġijiet, ħinijiet tal-ftuħ)				
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVIX	Ir-rispondent ma aċċessax rekords personali jew bażijiet tad-*data* u lanqas ma akkwista xi informazzjoni permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOV12FM	Tniżżil/stampar ta' formoli uffiċjali mir-rispondent minn sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar	1 0 Vojta 9	Iva Le Mhux dikjarat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVAPR	Appuntament jew prenotazzjoni mir-rispondent permezz ta' sit web jew app ma' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi (bħal prenotazzjoni ta' ktieb f'librerija pubblika, appuntament ma' impjegat tal-gvern jew fornitur tal-kura tas-saħħa tal-istat) għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar	1 0 Vojta 9	Iva Le Mhux dikjarat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVPOST (Fakultattiva)	Ir-riċeviment mir-rispondent ta' kwalunkwe komunikazzjoni uffiċjali jew dokumenti mibgħuta mill-awtoritajiet pubbliċi permezz tal-kont tar-rispondent fuq sit web jew applikazzjoni (isem is-servizz, jekk applikabbli fil-pajjiż) ta' awtoritajiet jew servizzi pubbliċi (bħal notifiki ta' multi jew fatturi, ittri; notifika ta' taħrika tal-qorti, dokumenti tal-qorti, [eżempji nazzjonali]) għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar? L-użu ta' messaġġi ta' informazzjoni jew notifiki bbażati fuq posta elettronika jew SMS li dokument huwa disponibbli għandu jiġi eskluż. (fakultattiv)	1 0 Vojta 9	Iva Le Opzjoni mhux inkluża jew Mhux Dikjarata Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVTAX1	Sottomissjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa tar-rispondent innifsu permezz ta' sit web jew b'app għal skop privat fl-aħħar 12 xhur	1 2 3 4 5 9 Vojta	Iva, ir-rispondent għamel dan hu stess Le, dan sar awtomatikament (mill-awtorità tat-taxxa, min iħaddem, awtorità oħra) Le, ir-rispondent ikkonsenjaha lill-awtorità tat-taxxa f'format stampat Le, xi ħadd ieħor għamilha f'isem ir-rispondent (eż. membru tal-familja, konsulent tat-taxxa) Le, għal raġunijiet oħra (eż. mhux soġġetti għat-taxxa fuq l-introjtu) Mhux applikabbli Mhux dikjarat	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVODC	Attivitajiet permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'talba mir-rispondent għal dokumenti jew ċertifikati uffiċjali (bħal gradwazzjoni, twelid, żwieġ, divorzju, mewt, ċertifikati ta' residenza, rekords tal-pulizija jew kriminali, [eżempji nazzjonali])	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVBE	Attivitajiet permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'talba mir-rispondent għal benefiċċji jew intitolamenti (bħal pensjoni, qagħad, allowance tat-tfal, applikazzjoni għal dħul fi skejjel, universitajiet, [eżempji nazzjonali])	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVRCC	Attivitajiet permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'talbiet, talbiet jew ilmenti oħra mir-rispondent (bħar-rapportar ta' serq lill-pulizija, it-tnedija ta' lment legali, it-talba għal għajnuna legali, il-bidu ta' proċedura ċivili ta' talba quddiem qorti, [eżempji nazzjonali])	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IRGOVNN	Raġunijiet għaliex ma talabx dokumenti uffiċjali jew ma għamel l-ebda pretensjoni permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar — ir-rispondent ma kellux għalfejn jitlob dokumenti jew jagħmel xi pretensjoni	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IGOVODC = 0 u IGOVBE = 0 u IGOVRCC = 0	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IRGOVLS	Raġunijiet għaliex ma talabx dokumenti uffiċjali jew ma għamel l-ebda pretensjoni permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar — nuqqas ta' ħiliet jew għarfien (eż. ir-rispondent ma kienx jaf juża s-sit web jew l-app jew din kienet kumplikata wisq biex jużaha)	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IGOVODC = 0 u IGOVBE = 0 u IGOVRCC = 0	Miġbura
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IRGOVSEC	Raġunijiet għaliex ma talabx dokumenti uffiċjali jew ma għamel l-ebda pretensjoni permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar — tħassib dwar is-sikurezza tad-data personali jew nuqqas ta' volontà li jħallas online (frodi tal-karta tal-kreditu)	1 0 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IGOVODC = 0 u IGOVBE = 0 u IGOVRCC = 0	Miġbura

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IRGOVEID (Fakultattiva)	Raġunijiet għaliex ma talabx dokumenti uffiċjali jew ma għamel l-ebda pretensjoni permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar — ma kellux firma elettronika, ma kellux identifikazzjoni elettronika (eID) jew kwalunkwe għodda oħra biex juża l-eID (li hi meħtieġa biex jintuża s-servizz) [eżempji nazzjonali] (fakultattiva)	1 0 Vojta 9	Ittikkjat Mhux ittikkjat Opzjoni mhux inkluża Mhux applikabbli	Individwi fejn IGOVODC = 0 u IGOVBE = 0 u IGOVRCC = 0	Miġbura
